MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 228/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Grixti**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm225.35), rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99499371;**
**Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm225.35), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Frar, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------